**7 ta' Lulju, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D. A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Avukat Dott. Godwin Aquilina *noe*

*versus*

John Dacoutros *noe et*

## *Marketing Agreement* - Ċessjoni ta' Krediti - Skritturi

*Meta kreditu hu naxxenti minn* marketing agreement *li jsir permezz ta' skrittura privata, ċessjoni ta' kreditu favur l-attur mhix kostituzzjoni ta' debitu li ssir b'att pubbliku, iżda ta' kreditu naxxenti minn skrittura privata u konsegwentement ma japplikawx id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1470 (2) tal-Kodiċi Ċivili billi l-liġi tesiġi li ċ-ċessjoni ssir b'att pubbliku meta l-kreditu jkun*

*naxenti minn att pubbliku.*

*Ċessjonarju ma jistax, kwantu għat-terzi jeżerċita l-jeddijiet lilu ċeduti, ħlief wara li ċ-ċessjoni tkun ġiet mgħarrfa lid-debitur b'att ġudizzjarju miċ-ċessjonarju nnifsu jew miċ-ċedent billi skond il-liġi t-tagħrifa mhix meħtieġa jekk id-debitur tkun aċċetta ċ-ċessjoni.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza mogħtija fit-13 ta' Novembru, 1995 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi li tinqara hekk:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur *nomine* ppremetta illi bi ftehim tal-25 ta' Settembru, 1989 (dokument A), id-ditta attriċi akkwistat il-*franchise* għall-produzzjoni u bejgħ f'Malta u Għawdex tax-xorb magħruf bħala Canada Dry u dan taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fl-istess ftehim fosthom li d-ditta konvenuta kellha tgħaddi lid-ditta attriċi "*all Dacoutros' rights on or under any marketing agreement or undertaking, written or verbal, with any retailer, hawker, body corporate or incorporate or any person relative to the sale and distribution in Malta and Gozo, whether exclusive or otherwise, or Canada Dry beverages*";

Premess illi d-ditta konvenuta kellha ftehim simili mal-konvenut Stivala li kien inkorporat f'kuntratt nutarili tad-19 ta' Marzu, 1985 (dokument B, li taħtu l-konvenut Stivala kellu jirrifondi lid-ditta konvenuta s-somma ta' Lm5,000 li kienet ingħatatlu taħt il-kondizzjonijiet imsemmija fl-iskrittura tad-29 ta' Ġunju, 1984 annessa ma' l-imsemmi kuntratt tad-19 ta'

Marzu, 1985;

Premess illi sal-25 ta' Settembru, 1989, il-konvenut Stivala kien irrifonda lid-ditta konvenuta s-somma ta' Lm2,000;

Premess illi d-ditta konvenuta qed tesiġi l-bilanċ ta' Lm3,000 u l-imgħaxijiet relattivi waqt li d-ditta attriċi qed tirreklama hi l-imsemmija somma bħala li nħolqot minn *marketing agreement* li d-ditta konvenuta għaddiet lid-ditta attriċi taħt il-ftehim tal-25 ta' Settembru, 1989;

Premess li d-ditta konvenuta aġiet b'mezzi esekuttivi kontra l-konvenut Stivala u dana kellu jiddeposita l-ammont dovut - pretiż miż-żewġ ditti in kawża - taħt l-awtorità ta' din il-Qorti b'ċedola numru 60/93;

L-attur *nomine* talab li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara u tiddeċidi: (1) li l-kreditu li d-ditta Dacoutros kellha kontra l-konvenut Stivala taħt il-kuntratt tad-19 ta' Marzu, 1985, bħala li oriġina minn *marketing equipment*, għadda favur id-ditta attriċi taħt il-ftehim tal-25 ta' Settembru, 1989 u li konsegwentement (2) id-ditta attriċi għandha d-dritt hi li tiżbanka s-somma depositat biċ-ċedola fuq imsemmija *in attis* il-mod u l-intestatura ta' l-istess depożitu;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1650/93, kontra d-ditta Dacoutros konvenuta, u bl-imgħaxijiet legali;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur fol. 3;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Dacoutros a fol.

18 fejn eċċepixxa:

Illi preliminarjament is-soċjetà attriċi ma ottemperatx ruħha ma' l-artikolu 1471 tal-Kodiċi Ċivili qabel istitwiet il-proċeduri odjerni u għaldaqstant l-eċċipjent *nomine* għandu jiġi lliberat *mill-osservanza tal-ġudizzju;*

Illi bla preġudizzju, is-soċjetà konvenuta qed taġixxi b'mezzi esekuttivi kontra l-konvenut Joseph Stivala unikament in forza tal-kuntratt pubbliku tad-29 ta' Marzu, 1985 in atti Nutar Dottor Henri Vassallo. Illi a tenur ta' l-artikolu 1470 (2) tal-Kodiċi Ċivili, is-soċjetà attriċi ma setgħatx tiġi assenjata drittijiet naxxenti minn dan il-kuntratt pubbliku jekk mhux permezz ta' kuntratt pubbliku ieħor. Ladarba l-ftehim tal-25 ta' Settembru, 1989 invokat mill-attur *nomine* mhux kuntratt pubbliku, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

*Illi subordinatament u bla preġudizzju t-talbiet attriċi* huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi bil-ftehim tal-25 ta' Settembru, 1989, is-soċjetà konvenuta ma assenjatx lis-soċjetà attriċi d-debiti u l-krediti tagħha u għalhekk il-kreditu li s-soċjetà konvenuta għandha kontra l-konvenut Joseph Stivala in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Henri Vassallo tad-19 ta' Marzu, 1985, baqa' jsejjaħ lilha anke wara l-ftehim imsemmi ta' l-1989;

Illi subordinatament u bla preġudizzju skond klawsola (ġ) tal-ftehim tad-29 ta' Ġunju, 1984, is-soċjetà konvenuta kellha d-dritt li tirrevoka l-istess ftehim f'kull żmien, liema dritt fil-fatt ġie *eżerċitat qabel il-25 ta' Settembru, 1989 u għalhekk il-*kuntratt ta' l-1984 ma setax jifforma parti mill-kuntratt ta' bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta;

*Omissis*;

Id-ditta Farsons Cisk Ltd. kienu ħadu l-*franchise* li kellhom Dacoutros Co. Ltd. Fost l-*assets* kien hemm il-*market agreements* li Dacoutros kellu mal-klijenti kollha tiegħu u dawn ġew stmati Lm40,000. Il-konvenut kien ipprovda l-lista ta' dawn il-*marketing agreements* dak in-nhar stess li sar il-ftehim ma' Farsons. Wara Farsons saru jafu li kien hemm *marketing agreements* ma' Stivala, il-konvenut l-ieħor, li ma kienx fil-lista li ġiet mogħtija lilhom minn Dacoutros;

*Is-Sur Dacoutros kien qed jinsisti li dan ma kienx marketing agreement* u għalhekk ma kienx ġie ttrasferit;

Is-*sales manager* ta' Farsons, Stephen Rausi, kien jinforma lil Stivala li l-ammont li hu kellu jagħti lil Dacoutros, issa kien dovut lil Farsons. Stivala aċċetta u beda jħallas lura lil Farsons permezz ta' tpaċija ta' *discounts* li jingħatawlu fuq xorb mibjugħ lilu minn Farsons. Dacoutros iżda informa lil Stivala li l-bilanċ kien dovut lilu u mhux lil Farsons u fil-fatt beda proċeduri ġudizzjarji kontra Stivala. Imbagħad il-bilanċ u l-imgħaxijiet ġew depożitati minn Stivala fil-Qorti sabiex titwaqqaf is-subbasta li kien għamel Dacoutros fuq il-proprjetà ta' Stivala;

Kienet saret laqgħa bejn Dacoutros u Farsons biex jirranġaw il-kwistjoni amikevolment iżda Dacoutros insista li l-*bilanċ kien dovut lilu bħala rifużjoni ta' self personali lil Stivala* u mhux fuq *marketing agreement*;

Hu baqa' jsostni li l-kumpannija konvenuta ma kinitx *biegħet lil Farsons la d-debituri u lanqas il-kredituri u Stivala* għalhekk baqa' kreditur tagħhom sad-29 ta' Ġunju, 1989. Skond *clause G* tal-*marketing agreement* ma' Stivala huma kienu żammew id-dritt li jikkanċellaw il-*marketing agreement* meta l-kumpannija jidhrilha xieraq;

Il-kwistjoni hi jekk il-ftehim li Dacoutros kellu mal-konvenut Stivala, ghalkemm inkorporat f'att nutarili tad-19/3/85 kienx *marketing agreement* li jaqa' taht klawsola (2) tal-ftehim tal-25/9/89 jew inkella kienx *personal loan*, kreditu, dovut lil Dacoutros li ma ġiex ittrasferit lil Farsons;

Il-konvenut issottometti li:

L-ammont dovut minn Stivala hu *personal loan*;

Li l-kreditu ma setax jiġi ċedut lill-attur jekk mhux permezz ta' att pubbliku, artikolu 1470 (2) tal-Kodiċi Ċivili;

U li l-*marketing agreement* ma' Stivala kien ġie tterminat bejn Awissu u Lulju 1989 u ghalhekk ma setax jiġi inkluż fil-lista li ġiet mghoddija lil Farsons;

Tikkunsidra:

Jirriżulta li kien sar *marketing agreement* bejn Dacoutros u Stivala - dok. a fol. 13 iddatat 29 ta' Ġunju, 1984 u l-kumpannija konvenuta kienet ghaddiet Lm5,000 lil Stivala "*for the fulfilment of this agreement*";

In segwitu fid-19/3/85 sar kuntratt ghand in-Nutar Henri Vassallo fejn Stivala kkostitwixxa ruhu veru, ċert u likwidu debitur ta' John Dacoutros *nomine* ghas-somma ta' Lm5,000 rappreżentanti somma ugwali moghtija lil Stivala fuq l-iskrittura privata ddatata 29/6/84;

Skond Dacoutros, bejn Lulju u Awissu 1989, hu hassar il-kuntratt (ovvjament il-*marketing agreement*) li kien hemm bejnu u Stivala kif kien intitolat, skond il-klawsola (ġ) tal-

ftehim tad-29/6/84 u għalhekk meta sar il-ftehim ma' Farsons f'Settembru 1989, xahar wara, dan il-*marketing agreement* ma kienx fuq il-lista;

L-attur xehed li huma kienu jafu li Stivala kellu *marketing agreement* ma' Dacoutros u meta kkalkolaw il-kumpens li kienu se jħallsu lil Dacoutros huma ħadu dana l-*agreement* in konsiderazzjoni u tawh valur. Dacoutros qatt ma qalilhom li hu kien se jeskludi l-*agreement* li kien hemm ma' Stivala jew għamel xi riserva jew qalilhom li ttermina l-*agreement* li kellu ma' Stivala, jew li kellu kuntratt pubbliku ma' Stivala, u dana nonostante li huwa kien ilu x-xhur jinnegozja ma' Farsons fuq dawn il-*marketing agreements* u fosthom kien hemm l-*agreement* ta' Stivala;

Fil-ftehim li sar bejn Farsons u Dacoutros kien hemm *blanket provision* li kienet tirreferi għall-*agreements* kollha li kellhom jiġu inklużi fit-trasferiment, għalhekk ta' Stivala kien inkluż;

Lanqas ma jista' jgħid il-konvenut li l-ammont dovut minn Stivala kien xi *personal loan*, billi jirriżulta, mill-istess kuntratt li sar għand in-Nutar Vassallo, li l-oriġini tal-kreditu li ġie rrikonoxxut minn Stivala kien minn *marketing agreement* li sar bejnu u Dacoutros. Għalhekk nonostante li sar dana l-kuntratt pubbliku, l-oriġini tad-debitu baqa' dejjem il-*marketing agreement* li Farsons xtara mingħand Dacoutros;

Dwar is-sottomissjoni legali tal-konvenut li l-attur ma mexiex skond l-artikolu 1471 jirriżulta li Dacoutros mhux terz a fini ta' dak l-artikolu, mentri Stivala rrikonoxxa u aċċetta li għandu jagħti lill-attur u għalhekk japplika l-artikolu 1473 fejn hemm aċċettazzjoni taċ-ċessjoni;

Finalment, dwar is-sottomissjoni l-oħra li ċ-ċessjoni tal-kreditu favur l-attur kellha ssir permezz ta' att pubbliku skond l-artikolu 1470 (2), il-Qorti tirrileva li l-kreditu oriġinali bejn Dacoutros u Stivala kien naxxenti minn ftehim privat - *marketing agreement* - u fil-kuntratt għand in-Nutar, Stivala rrikonoxxa dak li kien diġà jeżisti u dovut minnu fuq l-iskrittura a fol. 12. Il-kreditu ma oriġinax mill-kuntratt pubbliku iżda mill-*marketing agreement*. Il-kuntratt issiġilla dak li kien diġà jeżisti;

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-ammont dovut minn Stivala hu dovut lill-attur u konsegwentement it-talbiet ta' l-attur *nomine* huma ġustifikati;

Għal dawn il-motivi, il-*Qorti tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet* ta' l-attur *nomine*; bl-ispejjez kollha (inklużi dawk tal-konvenut Stivala) u bl-imgħax kontra l-konvenut Dacoutros";

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut John Dacoutros *nomine* li bih talab li tiġi rrevokata s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Novembru, 1995 fil-kawża fl-ismijiet premessi u b'hekk jiġu miċħuda t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà attriċi;

Rat ir-risposta tal-konvenut Joseph Stivala li biha huwa espona li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, *bl-ispejjeż taż-żewġ* istanzi kontra l-konvenut *nomine* appellant;

Rat ir-risposta ta' l-attur *nomine* li biha huwa ssottometta li l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż kontra l-istess appellant;

*Omissis*;

L-aggravji tas-soċjetà konvenuta appellanti huwa s-segwenti:

"(a) Fil-25 ta' Settembru, 1989 ma kien hemm ebda *marketing agreement* viġenti bejn Dacoutros Company Limited u Joseph Stivala stante li kien ġà ġie tterminat mill-kumpannija skond ma kellha dritt li tagħmel bis-saħħa tal-klawsola (g) tal-ftehim; (b) Skond klawsola (2) tal-ftehim tal-25 ta' Settembru, 1989 "*Dacoutros agree to assign and assign to Farsons which accept and acquire all Dacoutros' rights on or under any marketing agreement ... all or other claims due by or to Dacoutros shall remain the sole responsibility of Dacoutros*". Il-krediti dovuti lil Dacoutros ma għaddewx lil Farsons; (ċ) Skond il-kuntratt pubbliku tad-19 ta' Marzu, 1985, l-ammont ta' Lm5,000 kellu jitħallas sad-29 ta' Ġunju, 1989, tliet xhur qabel il-ftehim ta' bejn Farsons u Dacoutros. Għalhekk kreditu li kien ġà għalaq a favur Dacoutros ma għaddiex favur Farsons; (d) L-Ewwel Qorti injoraat kompletament il-fatt li l-kuntratt ta' Stivala ma kienx inkluż fil-lista annessa mal-ftehim ta' bejn Farsons u Dacoutros; (e) Hija konklużjoni totalment infondata fid-dritt li jingħad li kreditu in forza ta' kuntratt pubbliku ġie ċedut permezz ta' skrittura privata;

Fil-25 ta' Settembru, 1989 ma kien hemm ebda *marketing agreement* viġenti bejn Dacoutros Company Limited u Joseph Stivala stante li kien ġà ġie tterminat mill-kumpannija konvenuta skond ma kellha dritt li tagħmel unilateralment bis-saħħa tal-klawsola (g) tal-ftehim. John Dacoutros xehed illi meta skadew il-ħames snin u Joseph Stivala ma onorax il-ftehim ta' bejniethom li jirrifondi s-somma intiera ta' Lm5,000, huwa eżerċita d-dritt li kellu *ai termini* ta' klawsola (g) li kienet tiddisponi illi: "*that this agreement may only be revoked by the company for its own reasons*". Li Dacoutros ittermina dan il-ftehim hu kkorroborat mill-fatt illi fil-lista tal-klijenti mgħoddija lil Farsons ma' l-iffirmar tal-ftehim, il-ftehim ta'

Joseph Stivala ma ġiex inkluż. Għalhekk ma seta' qatt jiġi ċedut ftehim ineżistenti;

"Illi skond klawsola (2) tal-ftehim tal-25 ta' Settembru, 1989: "*Dacoutros agree to assign and assign to Farsons which accept and acquire all Dacoutros' rights on or under any marketing agreement ... all or other claims due by or to Dacoutros shall remain the sole responsibility of Dacoutros*". Il-krediti dovuti lil Dacoutros ma għaddewx lil Farsons. Ġie ttrasferit id-dritt li jenforza l-esklussività iżda mhux kreditu li diġà għalaq. Il-krediti baqgħu speċifikatament isejħu lis-soċjetà konvenuta;

L-Ewwel Qorti tinjora kompletament il-fatt illi l-ftehim ta' Joseph Stivala ma kienx inkluż fil-lista tal-*marketing agreements* u tgħid biss illi: "fil-ftehim li sar bejn Farsons u Dacoutros kien hemm *blanket provision* li kienet tirreferi għall-*agreements* kollha li kellhom jiġu inklużi fit-trasferiment u għalhekk ta' Stivala kien inkluż". Fis-sentenza, wieħed jieħu l-impressjoni illi l-ewwel darba li Farsons kellhom l-opportunità li jaraw il-lista tal-*marketing agreements* kien biss ftit minuti qabel l-iffirmar ta' l-iskrittura privata. Dan mhux korrett. Kif xehed Anthony Tabone, prodott mis-soċjetà Farsons, huma kienu diġà, ferm qabel dan il-ftehim, bdew javviċinaw lill-klijent ta' Dacoutros u, filwaqt li kienu qed jikkompilaw lista tagħhom, bdew jinfurmawhom illi dalwaqt ser issir il-bidla. Tabone fil-fatt kien responsabbli mill-kompilazzjoni ta' din il-lista;

Tabone xehed hekk: "Il-għaliex dak in-nhar (tal-ftehim) aħna konna insistejna li jkollna l-lista ta' dawk il-klijenti mingħand Dacoutros Company Limited biex nikkonfermaw dik l-informazzjoni li kellna aħna". Tabone kkonferma illi mil-lista li kienu kkompilaw qabel il-ftehim, ta' Stivala kien l-uniku

wieħed nieqes. Mela altru li kienu ttieħdu b'sorpriża u fl-aħħar minuta. *Ex admissis*, Farsons kienu armati biżżejjed u kienu f'posizzjoni, kieku riedu, li jivverifikaw jekk il-lista li pproduċa Dacoutros kinitx tinkludi dawk fil-lista minnhom ikkompilata preċedentement;

Illi, bir-rispett, jiġi sottomess illi l-Ewwel Qorti, sabiex ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tas-soċjet konvenuta, marret saħansitra kontra dak li l-istess soċjetà attriċi talbiet fiċ-ċitazzjoni odjerna. Fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-Ewwel Qorti qalet illi: "il-kwistjoni hi jekk il-ftehim li Dacoutros kellu mal-konvenut *Stivla*, għalkemm inkorporat f'att *nutarili tad-19 ta'* Marzu, 1985, kienx *marketing agreement* li jaqa' taħt il-klawsola (2) tal-ftehim tal-25 ta' Settembru, 1989". Bir-rispett kollu l-kwistjoni mhux din;

Il-binarji li fuqhom trid timxi din il-kawża huma l-premessi li nsibu fl-istess ċitazzjoni. Fit-tieni premessa nsibu hekk: "Peress illi d-ditta konvenuta kellha ftehim simili (u ċjoè *marketing agreement*) mal-konvenut Stivala li **kien inkorporat f'kuntratt nutarili** tad-19 ta' Marzu, 1985, li taħtu l-konvenut Stivala kellu jirrifondi lid-ditta konvenuta s-somma ta' Lm5,000 li kienet ingħatatlu taħt il-kondizzjonijiet imsemmija fi skrittura *tad-29 ta'* Ġunju, *1984* annessa *ma' l-imsemmi kuntratt*". *Mela* l-istess soċjetà attriċi mill-ewwel irrikonoxxiet fl-istess ċitazzjoni illi l-ftehim ta' bejn Dacoutros u Stivala kien wieħed regolat minn kuntratt pubbliku. Tant hu hekk illi l-ewwel talba taqra hekk: "Jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandux jiġi ddikjarat u deċiż: (1) li l-kreditu li d-ditta Dacoutros kellu kontra l-konvenut Stivala **taħt il-kuntratt tad-19 ta' Marzu, 1985**, bħala li oriġina minn *marketing agreement*, għadda favur id-ditta attriċi taħt il-ftehim tal-25 ta' Settembru, 1989". Il-posizzjoni hija għalhekk ikkristallizzata permezz tal-premessi u t-talbiet attriċi. Fl-1989 bejn Dacoutros u Stivala ma kienx hemm żewġ ftehim separati wieħed skrittura privata u l-ieħor

kuntratt pubbliku. Kien hemm biss ftehim wiehed inkorporat bonarjament f'kuntratt pubbliku. Jirrizulta mix-xhieda prodotta li fil-fatt dan kien l-uniku ftehim bejn Dacoutros u klijent bi ftehim simili li ma thalliex skrittura privata izda gie inkorporat f'kuntratt pubbliku. Jigi sottolineat li hawnhekk non si tratta ta' każ fejn skrittura privata ġiet sempliċement transuntata għand Nutar, iżda l-partijiet, permezz tal-kuntratt pubbliku, ikkonfermaw u rratifikaw il-ftehim preċedenti tagħhom, żiedu stipulazzjonijiet dwar il-modalità tal-pagament, kif ukoll ġiet reġistrata ipoteka speċjali bħala garanzija tal-pagament. Dan il-fatt li l-ftehim ta' bejn Dacoutros u Stivala kien irregolat esklussivament bil-kuntratt pubbliku msemmi ġie rrikonoxxut anke minn Farsons fiċ-ċitazzjoni odjerna kif fuq spjegat;

*Ai termini* ta' l-artikolu 1470 (2) tal-Kodiċi Ċivili hija konklużjoni totalment infondata fid-dritt li jingħad li kreditu in forza ta' kuntratt pubbliku ġie ċedut permezz ta' skrittura privata. Dan l-artikolu jiddisponi tassattivament illi ċessjoni tad-drittijiet naxxenti minn kuntratt pubbliku hija nulla jekk ma ssirx b'kuntratt pubbliku. L-Ewwel Qorti marret saħansitra kontra dak li l-istess soċjetà attriċi ppremettiet u talbiet fiċ-ċitazzjoni tagħha, għaliex fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-Qorti rriteniet illi: "Finalment dwar is-sottomissjoni l-oħra li ċ-ċessjoni tal-kreditu favur l-attur kellha ssir permezz ta' att pubbliku, skond l-artikolu 1470 (2), il-Qorti tirrileva li l-kreditu oriġinali bejn Dacoutros u Stivala kien naxxenti minn ftehim privat - *marketing agreement* - u fil-kuntratt għand in-Nutar, Stivala rriknoxxa dak li kien diġà jeżisti u dovut minnu fuq l-iskrittura a fol. 13. Il-kreditu ma oriġinax mill-kuntratt pubbliku iżda mill-*marketing agreement*. Il-kuntratt issiġilla dak li kien diġà jeżisti. Fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-Ewwel Qorti donnha qed tikkunsidra li hemm żewġ krediti, wieħed oriġinali fuq skrittura privata u l-ieħor mhux oriġinali fuq kuntratt pubbliku. Dan mhux korrett. Mid-29 ta' Ġunju, 1984 'il quddiem ma nħolqux żewġ ftehim iżda baqa' wieħed li, għall-

finijiet u effetti kollha tal-liġi, ġie inkorporat f'kuntratt pubbliku u li ghalhekk ir-relazzjoni ġuridika bejn Dacoutros u Stivala minn dak in-nhar 'il quddiem bdiet tiġi rregolata minn kuntratt pubbliku;

*Jiġi* sottomess, bir-rispett, *illi* l-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti ma fihiex fondament legali. L-appellant ma jaqbilx li ghall-finijiet ta' l-artikolu 1470 (2) fuq ċitat taghmel xi differenza jekk il-kreditu naxxent minn kuntratt pubbliku setax ikun diġà eżista qabel jew ried ikun kreditu ġdid fjamant. Din id-distinzjoni l-liġi assolutament ma taghmilhiex u l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda ġustifikazzjoni kif mill-kliem ċar użat mil-leġislatur f'dan l-artikolu qieghda issa ssir din id-distinzjoni bejn dawk il-kuntratti pubbliċi li jkunu dwar kreditu ġdid u dawk il-kuntratti pubbliċi li jkunu dwar kreditu antik, preċedentement inkorporat fi skrittura privata. Distinzjoni illi umilment jiġi sottomess hija kompletament gratuwita u ma ssib l-ebda konfort f'dak li tipprovdi bl-aktar mod ċar u inekwivoku l-liġi;

Il-liġi tirrikjedi ***ad validatem*** il-formalità tal-kuntratt pubbliku sabiex id-drittijiet ta' Dacoutros fuq il-kuntratt pubbliku tad-19 ta' Marzu, 1985 in atti Nutar Dottor Henri Vassallo setghu jiġi ttrasferiti u ċeduti a favur Farsons. Fin-nuqqas ta' tali kuntratt pubbliku l-kreditu dovut lil Dacoutros in forza ta' dan il-kuntratt pubbliku ma seta' qatt jghaddi f'idejn Farsons, u dan irrispettivament mill-oriġini tieghu. In kwantu l-forma tal-kuntratt pubbliku hi ***di rigore*** f'materja bhal din, il-kreditu favur Dacoutros minn Stivala ma ġiex effettwat permezz ta' l-iskrittura privata tal-25 ta' Settembru, 1989. Il-formalità tal-kuntratt pubbliku fiċ-ċessjoni ta' drittijiet naxxenti minn kuntratti pubbliċi hi formalità *sine qua non*. **Fin-nuqqas ta' tali kuntratt pubbliku, l-ebda skrittura privata ma tista' tissotitwih.** Dan il-prinċipju ġie ribadit fil-kawża **Nutar Oscar Azzopardi *vs* Gerald Cuschieri** (Vol. XXXIV.II.725) fejn il-

*Qorti kkonfermat dak li l-liġi tipprovdi tassattivament illi:* "Skond il-liġi l-ebda ċessjoni ta' kreditu li jkun ġej minn att pubbliku ma tiswa jekk ma ssirx b'att pubbliku". B'analoġija ssir referenza għall-każ ta' komprovendità ta' vettura fejn huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi l-forma ta' l-iskrittura hi waħda *di rigore* fl-assenza ta' liema l-bejgħ mhux konkluż (*vide* **Maġġur Hanibal A. Scicluna *noe vs* Av. Dottor Edgar Grima *et noe*** - *Vol. XLIX.II.763*);

Għalhekk *ai termini* tal-liġi l-formalità tal-kuntratt pubbliku fiċ-ċessjoni tal-kreditu meritu tal-kawża odjerna mhix rikjesta sempliċement *ad probationem* imma ***ad substantiam et validitatem***. Is-soċjetà attriċi espressament qed titlob fl-ewwel talba tagħha illi: "Il-kreditu li d-ditta Dacoutros kellha kontra Stivala **taħt il-kuntratt tad-19 ta' Marzu, 1995** (kuntratt pubbliku) għadda favur id-ditta attriċi taħt **il-ftehim tal-25 ta' Settembru, 1989** (skrittura privata)". Talba li tmur dijametrikament kontra provvediment ta' ordni pubbliku li ma jħalli lok għal ebda eċċezzjoni u li għalhekk għandha tiġi miċħuda";

Is-soċjetà attriċi ssottomettiet *inter alia* illi:

"Id-ditta attriċi tistrieħ fuq il-ftehim tal-25 ta' Settembru, 1989 li bih id-ditta konvenuta, fost affarijiet oħra, intrabtet li tgħaddi lid-ditta attriċi l-*marketing agreements* kollha li kellha mar-*retailers* u *distributors* f'Malta u Għawdex relattivi għall-bejgħ u spaċċ tal-Canada Dry *beverages*. Id-ditta konvenuta kellha ftehim simili mal-konvenut Stivala li, fid-19 ta' Marzu, 1985, kien ġie inkorporat f'att nutarili. Dan il-kuntratt jagħmel referenza espressa għall-*marketing agreement* li Stivala kellu mad-ditta Dacoutros; infatti jingħad li d-debitu li ġie kwantifikat fl-ammont ta' Lm5,000 kien jirrappreżenta "somma ugwali mogħtija b'self mis-soċjetà msemmija (Dacoutros) lil

Joseph Stivala *kif jidher mill-iskrittura privata hawn annessa"* - din l-iskrittura, imqiegħda bħala bażi u kawżali tal-kuntratt, mhix ħaġ'oħra ħlief il-*marketing agreement* li Stivala kellu ma' Dacoutros datat 29 ta' Ġunju, 1984. Kwindi, meta Dacoutros, fuq l-iskrittura tal-25 ta' Settembru, 1989, intrabat - naturalment *at a price* - li jgħaddi lid-ditta attriċi l-*marketing agreements kollha li kellu mad-diversi retailers u distributuri f'Malta* u Għawdex, hu ntrabat ukoll li jgħaddi l-ftehim li kellu ma' Stivala. Il-fatt li dan il-ftehim ġie inkorporat f'att nutarili ma jagħmel ebda differenza għaliex:

Kif ġà ngħad, il-bażi u l-kawżali tal-kuntratt (wieħed ta' *rikonoxximent* ta' dejn) kien il-*marketing agreement* li Stivala kellu ma' Dacoutros u li ġie saħansitra anness mal-kuntratt bħala dokument A; u

Il-kuntratti - qed jingħad għal dak tal-25 ta' Settemebru, 1989 - "għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi" u jobbligaw "*għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni*" (artikolu 993 Kodiċi Ċivili). Għaċ-ċessjoni tal-*franchise* u tal-*marketing agreements* li kellha, id-ditta Dacoutros irċeviet mingħand l-atturi "la bella somma" ta' Lm475,000!

Kwantu għaż-żewġ sottomissjonijiet legali mqanqla mid-ditta konvenuta jingħad:

L-artikolu 1470 (2) tal-Kodiċi Ċivili (ġà 1552 (2); 1216 Ord. VII ta' l-1868) jirriferixxi *ai diritti risultanti da atti pubblici* - fi kliem l-istess leġislatur (Sir Adrian Dingli) "*ai crediti, diritti o azioni che ebbero origine da atti pubblici*". Ġà ngħad li l-kreditu li Dacoutros kellu kontra Stivala u li ġie BISS ikkwantifikat fil-kuntratt tad-19 ta' Marzu, 1985 *ebbe origine* mill-*marketing agreement* li l-istess Stivala ffirma mad-ditta Dacoutros fid-29 ta' Ġunju, 1984;

L-artikolu 1471 (ġà 1553) ukoll mhux applikabbli għax id-ditta Dacoutros ma kinitx "terz" iżda l-istess ċedenti tal-*Canada Dry Franchise* lid-ditta Simonds Farsons Cisk Limited. Di più, id-debitur Stivala mhux talli aċċetta ċ-ċessjoni tal-*marketing agreement* li kellu ma' Dacoutros (artikolu 1473 *ibid*), iżda, fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, "qabel mal-fatti kif esposti mill-attur *nomine*" u qabel ukoll "li t-talbiet huma legalment ġustifikati u jixraq li jiġu milqugħa kif dedotti";

Id-ditta attriċi assolutament ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellanti (ara, per eżempju, il-paragrafu 15 tar-rikors ta' l-appell) li l-kreditu ta' Dacoutros kontra Stivala kien "naxxenti minn kuntratt pubbliku kien naxxenti minn *marketing agreement* tad-29 ta' Ġunju, 1984 u biss ikkwantifikat b'kuntratt nutarili biex setgħet tinħareġ ipoteka ġenerali u oħra speċjali kontra Stivala, tant li, fuq il-kuntratt, il-partijiet "ikkonfermaw fl-interezza tagħha l-iskrittura privata msemmija *(il-marketing agreement tad-29 ta' Ġunju, 1984) kif ukoll il-*kondizzjonijiet imsemmija fiha";

Il-konvenut Joseph Stivala ssottometta *inter alia* illi:

"Il-posizzjoni ta' l-esponenti dejjem kienet li għalkemm huwa jaqbel mas-sottomissjonijiet ta' l-attur, jirrimetti ruħu għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti tant li huwa ddepożita l-ammont in kontestazzjoni (b'ċedola 60/93) sabiex l-ammont jiġi rtirat minn min hu intitolat għaliha skond il-liġi. Għalhekk, taħt ebda ċirkostanzi ma għandu jbati xi parti mill-ispejjeż tal-kawża";

Deċiżjoni ta' din il-Qorti:

Fil-fehma tagħha l-appell mhux fondat għar-raġunijiet segwenti:

L-appellant mhux korrett meta jsostni li fil-25 ta' Settembru, 1989 ma kien hemm ebda *marketing agreement* viġenti bejn Dacoutros u Stivala għax dan kien ġie tterminat minn Dacoutros skond ma kellu dritt jagħmel. Waqt li huwa minnu li Dacoutros seta' kellu dritt jittermina l-*marketing agreement*, il-provi juru li dan ma għamlux. Mill-att pubbliku tad-19 ta' Marzu, 1985, jirriżulta li mhux biss il-partijiet ma ddikjarawx itterminat il-*marketing agreement* ta' bejniethom iżda kkonfermawh b'mod espliċitu u univoku billi ddikjaraw li s-somma ta' Lm5,000 tirrappreżenta somma ugwali mogħtija b'self mis-soċjetà appellanti lill-konvenut Joseph Stivala "kif jidher mill-iskrittura privata hawn annessa għar-reġistrazzjoni mmarkata bl-ittra "A" ffirmata fid-29 ta' Ġunju, 1984", (il-*marketing agreement*). Imbagħad, il-komparenti komplew jiddikjarw testwalment: "Il-komparenti jikkonfermaw fl-interezza tiegħu l-iskrittura privata hawn fuq imsemmija, kif ukoll il-kondizzjonijiet imsemmija fiha";

Għalhekk, una volta l-*marketing agreement* ta' Stivala kien għadu viġenti fid-data tal-ftehim bejn Farsons u Dacoutros, dan il-*marketing agreement* għadda għand Farsons;

Il-fatt li s-self kellu jitħallas sad-29 ta' Ġunju, 1989, jiġifieri, qabel il-ftehim bejn Farsons u Dacoutros u ma tħallasx kollu, ifisser li kien għad hemm bilanċ tal-kreditu naxxenti mill-*marketing agreement* u li dak il-bilanċ, bħala parti mill-istess *marketing agreement*, għadda għand Farsons. Kieku Stivala lahaq ħallas id-debitu kollu, Farsons kienet tkun ċessjonarja biss fil-*marketing agreement* mingħajr ma tkun ukoll kreditriċi ta' ebda bilanċ, iżda billi kien baqa' l-bilanċ ta' Lm3,000 naxxenti *mill-marketing agreement dan sar kreditu ta' Farsons, li* ssuċċediet għal Dacoutros bħala l-parti kontraenti fil-konfront ta' Stivala;

Minn dak li ingħad hawn fuq, isegwi li billi l-kreditu hu naxxenti mill-*marketing agreement* li sar permezz ta' skrittura privata, iċ-ċessjoni tal-kreditu lil Farsons mhix ta' kostituzzjoni ta' debitu li saret b'att pubbliku, iżda ta' kreditu naxxenti minn skrittura privata u konsegwentement ma japplikawx id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1470 (2) tal-Kodiċi Ċivili invokati mill-appellant billi l-liġi tesiġi li ċ-ċessjoni ssir b'att pubbliku meta l-kreditu jkun naxxenti minn att pubbliku. Mentri, kif intqal, il-kreditu in diżamina ġej minn *marketing agreement* li sar bi skrittura privata;

Lanqas ma japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1471 tal-Kodiċi ġà ċitat li jiddisponi li ċ-ċessjonarju ma jistax, kwantu għat-terzi, jeżerċita l-jeddijiet lilu ċeduti, ħlief wara li ċ-ċessjoni tkun ġiet imgħarrfa lid-debitur b'att ġudizzjarju, miċ-ċessjonarju nnifsu jew miċ-ċedenti, billi skond ma jiddisponi l-artikolu 1473 ta' l-istess Kodiċi, it-tagħrifa mhix meħtieġa jekk id-debitur ikun aċċetta ċ-ċessjoni. Il-konvenut Stivala tant aċċetta ċ-ċessjoni li fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu huwa ddikjara li kien jaqbel mal-fatti kif esposti mill-attur *nomine* u li t-talbiet attriċi huma legalment ġustifikati u jixraq li jiġu milqugħa kif dedotti;

Għalhekk, l-aggravji dedodtti mill-appellant mhumiex fondati u l-appell għandu jiġi miċħud;

Għal dawn il-motivi u dawk tas-sentenza appellata, tiddeċidi billi tiċħad bħala infondat l-appell interpost mill-konvenut John Dacoutros *nomine* mas-sentenza mogħtija fit-13 ta' Novembru, 1995 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.